# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR.IMHALLEF

## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

## Seduta ta' nhar il-Gimgha 22 ta' Frar, 2019

**Rikors Numru : 340/2018 JPG**

**Kawza Numru : 22**

**GA**

**vs**

**RC**

## Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ta' GA datat 26 ta' Lulju 2018, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

1. ***Illi*** *l-kontendenti konjugi kkontrattaw iz-zwieg ta' bejniethom fis-sitta (6) ta' Gunju tas-sena elfejn u tnejn (2002) [Dokument hawnhekk anness u mmarkat bhala* ***DOKUMENT A****];*

2. ***Illi*** *miz-zwieg tal-kontendenti, ma twieldu l-ebda tfal;*

3. ***Illi*** *huma gew awtorizzati jipprocedu ghas-separazzjoni personali taghhom skont il-kondizzjonijiet stipulati mid-digriet ta' din l-Onorabbli Qorti Civili datat hamsa u ghoxrin (25) ta' Lulju, tas-sena elfejn u tmienja (2008), [Dokument hawnhekk anness u mmarkat bhala* ***DOKUMENT B****];*

4. ***Illi*** *l-imsemmija konjugi kienu nfirdu minn xulxin b'kuntratt ta' separazzjoni ppubblikat minn Nutar Dottor Joseph Smith La Rosa fil-wiehed u tletin (31) ta'*

*Lulju, tas-sena elfejn u tmienja (2008) [Dokument hawnhekk anness u mmarkat bhala* ***DOKUMENT C****];*

5. ***Illi*** *jirrizulta mill-imsemmi kuntratt ta' separazzjoni, illi fir-rigward ta' l-obbligi tal-hlas tal-manteniment il-konjugi kienu rrinunzjaw u ddekadew mid-dritt illi jiehdu/jitolbu manteniment minghand xulxin;*

6. ***Illi*** *ma hemm l-ebda prospetti ragonevoli ghar-rikonciljazzjoni bejn il-kontendenti;*

7. ***Illi*** *ghalhekk il-kondizzjonijiet kontemplati fl-isemmi Artikolu 66B tal-Kapitolu 16 tal-ligijiet ta' Malta huma sodisfatti u in vista wkoll tal-fatt illi l-konjugi huma diga separati permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni, mhuwiex mehtieg illi ssir medjazzjoni bejniethom.*

***Ghaldaqstant*** *l-esponenti titlob, bir-rispett, illi, a tenur tad-dispozizzjonijiet ta' l-artikolu 66B tal-kapitolu 16 tal-ligijiet ta' Malta, dina l-Onorabbli Qorti joghgobha, previa s-smiegh tal-partijiet kif stipulat fl-Artiklu 66C tal-Kapitolu 16 tal-ligijiet ta' Malta, u wkoll sabiex tigi stabbilita l-ezistenza ta' dawk il-kondizzjonijiet kontemplati fl-imsemmi Artikolu 66B, tippronunzja d-divorzju bejn il-partijiet kif kontemplat fl-imsemmi Artikolu 66C.*

*Bl-ispejjez."*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat in-nota ta' RC, a fol 20, li taqra hekk:

*Jidher personalment biex jaghti ruhu n'notifikat bir-rikors guramentat fuq citat u jiddikjara bil-gurament li ma jopponix ghat-talba ta' GA kif ukoll li jixtieq jipprevalixxi ruhu mis-servizzi tal-Avukat ta' fiducja tal-istess GA u cioe l-Avukat Dr.Kris Balzan.*

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**GA** xehdet illi l-partijiet izzewgu fis-6 ta' Gunju 2002 u kienu ottjenew separazzjoni legali fil-31 ta' Lulju 2008 permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni konsenswali. Xehdet illi minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal. Xehedet illi m'hemm l-ebda pendenzi ta' manteniment. Qalet ukoll illi l-partijiet ilhom jghixu separatament aktar minn erba' snin, u li m'hemm l-ebda tama ta' rikonciljazzjoni.

**RC** xehed u kkonferma u kkorobora x-xhieda tar-rikorrenti.

**Ikkonsidrat;**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta:

> ***66A.** (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza.[...]*
>
> ***66B.** * Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:*
>
> ***(a)** fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-miżżewġin ikunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-inqas erba' snin matul il-ħames snin minnufih preċedenti, jew ikunu għaddew mill-inqas erba' snin mid-data tas-separazzjoni legali; u*

> ***(b) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***
>
> ***(ċ) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ-ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***
>
> ***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment: [...]***

Jinsab sodisfacentement pprovat illi in segwitu taz-zwieg taghhom tas-6 ta' Gunju 2002, (vide Dok A, a fol 6) , l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt datat 31 ta' Lulju 2008 fl-atti tan-Nutar Dottor Joseph Smith La Rosa, debitament awtorizzat mill-Qorti (vide kuntratt Dok B, a fol 7), u ilhom jghixu separatament ghal aktar minn erba' snin.

Jirrizulta ukoll m'hemmx pendenzi rigward hlas ta' manteniment bejn il-partijiet.

Il-Qorti rat illi jirrizulta inoltre li ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrenti irnexxieha tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-ligi sabiex zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar mill-llum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna li l-ispejjez jibqu' bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**